

Brussell, 25 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7426/3/26
REV 3

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0408 (COD)

CODEC 470
JUSTCIV 43
ECOFIN 347
COMPET 344
JAI 364

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-7 ta' Diċembru 2022 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Frar 2023².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Marzu 2023³.
4. Fl-10 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 15896/22 + ADD 1 sa ADD 4.

² 6147/23.

³ 7856/23.

⁴ 7289/26.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 64/25, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Belġju, taç-Ċekja, tal-Ungerija u tal-Awstrija.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
